## GHAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITA')

Waslitilna l-aħbar li l-*Għaqda tal-Malti* (*Università*) ħatret dan il-Kumitat għas-sena akkademika 1967/68.

*President*: Professur G. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D.; *Viċi-President*: Alfred Degabriele; *Segretarja*: Joyce Vella Haber; *Asst. Segretarja*: Anna Borg; *Kaxxier*: Josie Mifsud; *Delegat għall-Kors ta' Fil-Għaxija*: John A. Sant; *Membri*: Patri A. Previ, O.P., Ġorġ Cassar, Josette Portelli Demajo.

---

## QUDDIESA GĦAL RUĦ IL-MEMBRI MEJTA

Nhar il-Ħadd, 10 ta' Diċembru 1967, fil-11.00 a.m., ir-Rev. Patri Ġużepp Delia, S.J., qaddes Quddiesa għal Ruħ l-Imseħbin mejta tal-Akkademja tal-Malti (Għaqda tal-Kittieba tal-Malti), fil-Kappella tal-"Onorati", Knisja tal-Ġiżwiti, Valletta.

Il-Quddiesa qaddisha wieħed mill-ewlenin imseħbin tal-Akkademja tal-Malti: Patri ĠUŻEPP DELIA, S.J. Huwa qal li jiftakar sewwa lil Ġużè Muscat Azzopardi u lil Dun Karm, u oħrajn. Fl-1967 Patri Ġużepp Delia għalaq Ħamsin Sena li daħal fil-Kumpanija ta' Ġesù. Huwa l-ewwel Provinċjal Malti tal-Provinċja Maltija tal-Kumpanija ta' Ġesù. Il-Provinċja Maltija tatu l-ġieħ li jixraqlu billi hejjietlu Akkademja nhar il-Ħadd, 10 ta' Diċembru 1967, fil-5.30 p.m. fil-Kulleġġ S. Lwiġi, Birkirkara. Membri tal-Akkademja marru huma wkoll sabiex iweġġhuh kif ukoll jifirħu bih dak in-nhar. Wara l-akkademja, Patri Ġużepp Delia, S.J., bil-ħlewwa kollha li għaliha huwa magħruf, dar ma' kulħadd waqt trattament f'ġieh il-mistednin.

---

## ID-DEKORAZZJONI "PRO ECCLESIA ET PONTIFICE" LIL ROBERT MIFSUD BONNICI

Nhar is-Sibt, 17 ta' Frar 1968, fit-Teatru tal-Università ta' Malta, il-bini l-qadim fil-Belt, fil-5.00 p.m., l-E.T. Mons. Arċisqof Sir M. Gonzi ta d-Diploma u s-Salib PRO ECCLESIA ET PONTIFICE lis-sur Ġużè Mifsud Bonnici f'isem ħuh, Robert, li laħaq miet xi jumejn wara li l-aħbar ta' dal-ġieh waslet mill-Vatikan. Wara t-taħdita qasira dwar Robert Mifsud Bonnici u l-kitba tiegħu letterarja, il-Professur G. Galea, il-President tal-Akkademja tal-Malti stieden lill-E.T. Mons. Arċisqof jippreżenta d-Diploma u d-dekorazzjoni lis-sur Ġużè, li hu nnifsu hu poeta, u billi l-poeżija tiegħu tixtieq



tgħallem, isejħulu "poeta moralista". L-E.T. Mons. Arċisqof qal li Robert Mifsud Bonnici kien ilu jafu minn qabel ma sar Isqof ta' Għawdex. Dejjem kien jafu bi bniedem serju u li dejjem xtaq li bil-kitba tiegħu jagħmel il-ġid. Is-Sur Robert ma beżax jidħol għattaqtigħa meta ħass li kien hawn min bil-kitba tiegħu minn fuq il-ġurnali jista' jitfa' xi dell fuq it-twemmin nisrani jew fuq il-Knisja. Mhux darba u tnejn mar għand l-E.T. Mons. Arċisqof sabiex jitolbu jgħidlu jekk dak li kien sa jikteb dwar irqaqat fuq it-twemmin nisrani, kitibhomx kif għandhom ikunu: dan kien jagħmlu mhux biex jidher, iżda biex bl-umiltà kollha jitlob parir. Fil-polemiki tiegħu qatt ma nibbet f'qalbu mibegħda lejn min kien jeħodha miegħu, għalkemm xi daqqiet kien isib ruħu taħt in-nar tat-tilwima. Kien bniedem li kiteb ħafna u l-kitba tiegħu dejjem ġid xtaq jagħmel biha. L-aqwa tifkira tiegħu fil-qasam profan huwa: "Id-Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Malti", biċċa xogħol ta' siwi u ta' tagħlim.

---

# L-AĦĦAR TAS-SENA

*Ta'* WALLACE Ph. GULIA

*Lil uliedi*

Dawra durella,
l-aħħar tas-sena
f'karrozza karrozzella,
sejrin bih
għax jinsab wisq għajjien . . .

Kemm ġera miskin
biex wasal sa hawn!
tlett mija u ħamsa w sittin jum
wara xulxin!

Imma issa għajjien—
nifsu leħġien u maqtugħ;
għad li x-xemx fis-sema qed tisreġ
id-dmugħ minn għajnu jintrema . . .

Dawra durella,
karrozza karrozzella,
għada l-ewwel tas-sena
u jġib miegħu 'il-hena!